**30 ta' Lulju, 1984**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Carmelo Schembri, LL.D. - President**
**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R. Hist. S.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Frankie Mifsud

*versus*

Kummissarju tal-Pulizija u Supretendent Carmelo Bonello

**Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem - Arrest Illegali - Tfittxija Illegali - Xhud - Produzzjoni ta' - Ammissibilità - Qorti - Prim'Istanza - Appell - Diskrezzjoni - Qorti Kostituzzjonali - Ġurisdizzjoni - Kompetenza**

*Ir-rikorrent kien allega li kienu ġew miksura d-drittijiet fondamentali tiegħu billi huwa kien ġie assoġġettat għall-arrest u tfittxija illegali. Fil-kors tal-proċeduri r-rikorrent talab li jipproduċi diversi nies bħala xhieda u l-Qorti ammettiet il-produzzjoni*

*taghhom. Fuq appell ta' l-intimati, il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat.*

*Ix-xhieda kienu kjarament produċibbli u l-Qorti kienet waslet għall-konklużjoni korretta meta ammettiethom. Inoltre, il-Qorti osservat li, f'materja ta' produzzjoni ta' xhieda, Qorti ta' appell raramenti tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti ħlief għal motivi gravi u preċiżi.*

*Dwar preġudizzjali ssollevata li l-materja kienet ta' kompetenza tal-Qorti ta' l-Appell u mhux tal-Qorti Kostituzzjonali, il-Qorti osservat li kawża magħmula fuq il-bażi ta' ksur ta' drittijiet fondamentali tal-bniedem kienet kjarament taqa' fil-ġurisdizzjoni tal-Qorti Kostituzzjonali.*

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li bih ir-rikorrent Frankie Mifsud, wara li ppremetta li huwa kien ġie arrestat mill-Pulizija l-Ġimgħa, 2 ta' Diċembru, 1983, fis-1.45 p.m. u nżamm hekk arrestat sa l-4 ta' Diċembru, 1983 fil-11.45 a.m. u li fl-istess ġurnata saret tfittxija mill-pulizija fid-dar ta' residenza tiegħu; "Wien", Triq Allessandru, Birżebbuġa, liema arrest u tfittxija saru fuq ordnijiet ta' l-intimati u ppremetta ukoll li l-arrest tiegħu sar mingħajr ma ngħata r-raġuni ta' l-arrest, sar minn persuna li ma għandhiex, skond il-liġi, il-poter u d-dritt li fiċ-ċirkostanzi tal-każ tarresta ċ-ċittadini, sar mingħajr sospett fondat ta' reat u ġie mtawwal aktar minn dak assolutament meħtieġ bi ksur ta' l-artikoli 35 (1), (2) u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-artikoli 362 (1), 364, 365 (1) u (2) tal-Kodiċi Kriminali, kif ukoll, għar-rigward it-tfittxija, bi ksur ta' l-artikolu 39 (1) u (2) tal-Kostituzzjoni u ta' l-artikolu 362 tal-Kodiċi Kriminali. Wara li ppremetta dan, talab lill-Qorti tiddikjara li: (1) l-arrest tiegħu fuq ordnijiet ta' l-intimati sar bi vjolazzjoni ta' l-artikolu 35 (1) u (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

(2) it-tfittxija li saret fuq ordnijiet ta' l-intimat f'"Wien", Triq Allessandru, Birżebbuġa, fejn joqgħod ir-rikorrent, saret bi ksur ta' l-artikolu 39 (1) u (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta; u, (3) tagħti dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex jiġu rimedjati l-vjolazzjonijiet tal-jeddijiet tiegħu fosthom li ssib lill-intimati ħatja ta' ksur tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif fuq imsemmi u tikkundannahom iħallsuh il-kumpens prevvist fl-artikolu 35 (4) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, bl-ispejjeż;

Rat ir-risposta ta' l-intimati li biha ssottomettew għall-konsiderazzjoni tal-Qorti li taħt il-Kodiċi Kriminali kif ukoll taħt liġijiet oħra kien u għad hemm mezzi xierqa u adegwati ta' rimedju għall-allegati lanjanzi u għalhekk l-Ewwel Qorti, fis-sede kostituzzjonali tagħha, kellha tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skond is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 47 tal-Kostituzzjoni in konformità mal-proviso ta' l-istess subartikolu u inoltre, l-intimati aġixxew fil-konfront tar-rikorrent appellat skond id-dmirijiet, setgħat u poteri imposti fuqhom u mogħtija lilhom mil-liġi bħala uffiċjali tal-pulizija esekuttiva u għalhekk *l-allegazzjonijiet tar-rikorrent appellat huma infondati fil-fatt* u fid-dritt u t-talbiet tiegħu għandhom jiġu respinti, salv sottomissjonijiet u eċċezzjonijiet ulterjuri;

Rat ir-rikors ta' l-istess Frankie Mifsud ippreżentat fir-Reġistru ta' l-imsemmija Qorti li bih, wara li ppremetta li l-*pulizija kienu rrifjutaw jgħidu lill-Qorti min kienu n-nies* arrestati u interrogati f'operazzjoni li saret fit-2 ta' Diċembru, 1983 u li l-lista ta' dawn in-nies ġiet magħmula pubblika fil-Parlament u indikat lil Frank Mifsud, Anthony, John u Vincent Vella, Emanuel Cilia u Michael Paris, bħala n-nies interrogati fid-data msemmija u wara li ppremetta ulterjorment li huwa kellu bżonn jagħmel il-prova ta' kemm damu l-interrogatorji in kwistjoni, talab li l-Ewwel Qorti jogħġobha tawtorizzah jisma' lill-persuni msemmija dwar it-tul ta' l-interrogatorji tagħhom;

Rat ir-risposta ta' l-intimati li biha huma rrilevaw li l-kwistjoni msemmija kienet ġà ġiet deċiża in parti mill-Ewwel Qorti bid-digriet tagħha tat-13 ta' Frar, 1984 u li l-lista li għaliha saret referenza kienet ilha pubblika u aċċessibbli għal kulħadd sa mill-21 ta' Diċembru, 1983, kif jidher mill-inkartament tas-seduta tal-Kamra tar-Rappreżentanti numru 151 u għalhekk ir-rikorrent appellat ma setax jgħid li ġie a konoxxenza ta' provi li ma setax ikun jaf bihom qabel. L-appellati rrilevaw ukoll li l-lista msemmija turi meta n-nies ġew arrestati u mhux neċessarjament meta ġew interrogati u li r-rikorrent appellat kien ġà ddikjara li ma għandux aktar provi xi jressaq u l-kawża tħalliet għall-provi ta' l-intimat u finali trattazzjoni u għalhekk l-appellanti ssottomettew li t-talba tar-rikorrent appellat għall-produzzjoni bħala xhieda tal-persuni msemmija kellha tiġi miċħuda;

Rat id-digriet ta' l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-15 ta' Mejju, 1984, li bih laqgħet it-talba tar-rikorrent Frankie Mifsud biex jipproduċi l-imsemmija persuni bħala xhieda biex jagħmel il-prova fit-termini speċifikati fl-istess digriet u rriservat l-ispejjeż għall-ġudizzju finali u dan kollu wara li kkunsidrat;

"Illi r-rikorrent qed jitlob li jiġi awtorizzat jipproduċi bħal xhieda ħames persuni li ġew interrogati mill-Pulizija, dwar l-interrogatorju tagħhom (jiġifieri meta ġew interrogati u kemm ħa żmien l-interrogatorju tagħhom), liema persuni isimhom jidher fid-dokument XX fol. 199, esebit ma' l-istess rikors, fil-kaxxa delineata bl-aħmar;

Illi, kif osservaw l-intimati fir-risposta tagħhom, veru li sa ċertu punt diġà sar aċċenn għal din il-kwistjoni fid-digriet ta' din il-Qorti tat-13 ta' Frar, 1984. Iżda, b'dak id-digriet il-Qorti kienet sempliċement ċaħdet mistoqsija li ried jagħmel id-

difensur tar-rikorrent lill-Ispettur tal-Pulizija Noel Schembri biex jaghti l-ismijiet u l-indirizzi tal-persuni kkonċernati, u, il-Qorti mmotivata mill-ħsieb li ma tisvelax bla bżonn l-ismijiet ta' persuni konnessi ma' proċeduri ta' natura kriminali u għaliex l-iskop seta' jintlaħaq indirettament mod ieħor, ċaħdet it-talba. Però, jibqa' fatt li l-aħjar prova tkun li jinstemgħu l-persuni nnifishom; u l-Qorti anke fl-imsemmi digriet tagħha tat-13 ta' Frar, 1984, aċċennat li l-prova tista' tkun rilevanti, kif fil-fatt hi, biex issostni t-teżi tar-rikorrent, indipendentement mill-attendibilità o meno ta' dik it-teżi;

Illi l-intimati qalu ukoll, fir-risposta tagħhom, li l-lista ta' l-ismijiet tal-persuni in kwistjoni ilha pubblika u aċċessibbli mill-21 ta' Diċembru, 1983, u ma ġietx issa a konoxxenza tar-rikorrent. Iżda jibqa' l-fatt li ħadd qabel ma ġibed l-attenzjoni tal-Qorti għall-pubblikazzjoni ta' din il-lista, u inoltre, stante li hawn il-proċeduri huma inizjati b'rikors dan il-fatt ma jagħmel ebda differenza proċedurali;

Illi dwar l-osservazzjoni l-oħra ta' l-intimati li l-lista presumibbilment turi d-data meta l-persuni in kwistjoni ġew arrestati u mhux meta ġew interrogati, din hija ċirkostanza li tirriżulta aħjar mis-smigħ ta' l-istess persuni, u bl-ebda mod ma se tippreġudika l-posizzjoni ta' l-intimati;

Illi dwar l-osservazzjoni l-oħra li r-rikorrent diġà ddikjara li m'għandux provi oħrajn u li l-kawża kienet tħalliet għat-trattazzjoni finali, għandu jingħad li fl-ewwel lok il-kawża kienet ġiet differita għall-provi finali u okkorrendo għat-trattazzjoni finali. Iżda anke kieku għall-grazzja ta' l-argument is-smigħ tal-kawża kien diġà magħluq, il-Qorti tista' tippermetti l-produzzjoni ta' provi oħra jekk ikun hemm raġuni tajba; u tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha kemm fattwali u kemm legali, il-Qorti hija tal-fehma li teżisti raġuni tajba biex tippermetti l-

produzzjoni tal-persunni in kwistjoni bħala xhieda";

Rat ir-rikors ta' l-appell tal-Kummissarju tal-Pulizija u tas-Supretendent Bonello li permezz tiegħu talbu li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka d-digriet imsemmi tal-*15* ta' *Mejju, 1984* mogħti mill-Ewwel *Qorti* billi tilqa' l-opposizzjoni ta' l-appellanti għall-produzzjoni u s-smigħ tax-xhieda Anthony Vella, *John* Vella, Vincent Vella, *Emmanuel Cilia u Michael* Paris u tiċħad it-talba ta' l-appellat għall-produzzjoni tagħhom u konsegwentement tibgħat il-kawża għall-kontinwazzjoni quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti;

Rat ir-rispost ta' l-appellat Mifsud li biha eċċepixxa:

Preliminarjament in-nullità ta' l-appell stante li ġie introdott quddiem Qorti li m'għandhiex kompetenza;

Subordinatament illi huwa ma kellu ebda konoxxenza tal-lista annessa mar-Rapport illi l-intimati stess ippreżentaw lill-Prim Ministru, li min-naħa tiegħu qiegħed fuq il-mejda tal-Kamra tar-Rappreżentanti fil-21 ta' Diċembru, 1983;

Illi fi proċeduri b'rikors, ma hemm ebda obbligu li tiddikjara bil-quddiem il-lista tax-xhieda, u fi *kwalunkwe każ*, anke f'dak ta' ċitazzjoni, hija diskrezzjonali għall-Qorti ta' l-Ewwel Istanza jekk tippermettix provi ġodda fi kwalunkwe stadju tal-kawża, liema diskrezzjoni m'għandhiex tiġi ddisturbata mill-Qorti ta' l-Appell ħlief għal raġunijiet gravissimi;

Illi huwa kundannabbli l-fatt illi b'disprezz ta' l-Awtorità tal-Qorti, l-intimati l-ewwel esibew il-lista tal-persuni interrogati u għamluha pubblika fil-Parlament, imbagħad, quddiem il-Qorti talbu illi jiġu eżentati milli jikxfu l-ismijiet ta'

l-istess nies, li huma semmew fir-Rapport maghmul pubbliku fil-Parlament;

Rat l-atti kollha rilevanti u opportuni;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi qabel xejn ser tiġi deċiża l-eċċezzjoni preliminari ssollevata mill-appellat Mifsud ċjoè illi l-appell interpost huwa null ghax din il-Qorti mhix kompetenti tieħu konjizzjoni tieghu u tiddeċidih;

Illi l-kwistjoni in diżamina hija simili hafna ghal dik li nqalghet fil-kawża **Harold Scorey** *vs* **Joseph Avellino** u **Joseph Spiteri** *vs* **Joe Aquilina** ***noe***, it-tnejn deċiżi minn din il-Qorti ta' l-Appell separatament fil-5 ta' Mejju, 1975;

Illi jidher minn dawn is-sentenzi illi s-soluzzjoni tal-kwistjoni dwar liema mill-Qorti ta' l-Appell u l-Qorti Kostituzzjonali hija kompetenti tieħu konjizzjoni ta' appell simili ghal dak odjern tinsab fl-istess meritu tal-kawża fis-sens li jekk utilmament una volta deċiż il-meritu tkun kompetenti l-Qorti Kostituzzjonali biex tieħu konjizzjoni ta' u tiddeċidi l-appell allura hija dik l-istess Qorti u mhux il-Qorti ta' l-Appell li hija kompetenti tieħu konjizzjoni ta' u tiddeċidi vertenzi inċidentali fl-istess kawża u anteċedenti ghad-deċiżjoni fuq il-meritu;

Dan ir-raġonament ġie ukoll segwit minn din il-Qorti u mill-Qorti ta' l-Appell fis-sentenzi taghhom tas-27 ta' Frar, 1978 fil-kawżi **Prof. Griffiths** *et vs* **Onor. Prim Ministru** ***noe***

*et noe*;

Illi skond l-artikolu 96 (2) (b) tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta, appelli minn deċiżjonijiet tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, mogħtija taħt l-artikolu 47 ta' l-istess Kostituzzjoni għandhom jinstemgħu u jiġu deċiżi minn din il-Qorti;

Illi ma jistax ikun hemm dubju illi l-azzjoni promossa mill-appellat quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili hija waħda magħmula taħt is-subartikoli wieħed (1) u tnejn (2) ta' l-artikolu 47 tal-Kostituzzjoni u dan joħroġ mis-sustanza ta' l-istess rikors promotorju deskritt fil-parti introduttiva ta' din is-sentenza;

Illi ma jistax ikun hemm dubbju anqas illi una volta jiġi deċiż il-meritu ta' dak ir-rikors hija din il-Qorti u mhux il-Qorti ta' l-Appell li hi kompetenti tieħu konjizzjoni ta' u tiddeċidi l-appell jekk jiġi interpost u dan minħabba dak li hemm ipprovdut fl-artikolu 96 (2) (b) tal-Kostituzzjoni;

Illi mhuwiex ikkontestat anqas illi d-deċiżjoni appellata mhix ħlief digriet interlokutorju fil-kawża msemmija u hu intiż biex jirregola kwistjoni inċidentali dwar ammissibilità u produċibilità ta' provi;

Illi din il-vertenza għalhekk hija intimament konnessa u fil-fatt hija parti integrali minn kawża li ultimament tista' biss tintemmm quddiem din il-Qorti jekk ikun hemm appell mid-deċiżjoni fuq il-meritu;

Illi la hu hekk din il-Qorti ma tistax ħlief tiċħad l-eċċezzjoni ta' l-appellat li l-appell hu null kif effettivament kienet għamlet fis-sentenzi fuq imsemmi **Scorey** ***vs*** **Avellino** u **Spiteri** ***vs*** **Avellino** ***noe*** fejn il-kwistjoni kienet ukoll fuq digriet

interlokutorju dwar produċibilità ta' provi f'kawża promossa taħt l-artikolu 47 tal-Kostituzzjoni;

Eliminata l-kwistjoni preliminari dwar ir-ritwalità ta' l-appell u stabbilit li l-istess huwa ritwali l-Qorti issa ser tgħaddi biex tikkunsidra u tiddeċidi l-meritu;

Ikkunsidrat għalhekk:

Illi l-aggravji ta' l-appellanti huma fi kliem ir-rikors ta' l-appell stess is-segwenti, u ċjoè:

"Ir-rikorrent appellat fit-30 ta' Diċembru, 1983, kien ġà ddikjara illi ma kellux provi aktar xi *jressaq stante li kien* eżawrixxa l-provi kollha tiegħu u għalhekk il-kawża tħalliet għall-provi ta' l-intimat appellant, kif prevvist fl-artikolu 200 tal-Kodiċi ta' Proċedura (Kap. 15) u għall-finali trattazzjoni;

Kif jirriżulta mix-xhieda ġà prodotti r-rikorrent appellat kien diġà a *konjizzjoni tal-fatti li hu jrid jipprova permezz tax*-xhieda li jrid jipproduċi f'dan l-istadju iżda għażel proprju dan l-istadju, wara li kien ġà ddikjara li ma għandux provi aktar u l-kawża tħalliet għall-provi *ta'* l-esponenti (appellanti), sabiex jissolleva l-ħtieġa li jisma' dawn ix-xhieda ulterjuri;

Illi permezz ta' *rikors mir-rikorrent appellat stess tat-3 ta'* April, 1984, ir-rikorrent appellat issolleva l-fatt illi r-rikors kostituzzjonali in kwistjoni kien imħolli għat-trattazzjoni għat-2 ta' April, 1984;

Illi kemm mid-diversi xhieda prodotti f'din il-kawża kif *ukoll mill-gazzetti lokali, ir-rikorrent appellat kien diġà ġie* a konjizzjoni ta' dik il-lista ta' nies li ġew arrestati u

sussegwentement interrogati u għalhekk kien f'posizzjoni illi jieħu l-provvedimenti opportuni tempestivament u mhux fi stadju hekk avvanzat";

Ikkunsidrat:

Illi minn *eżami* ta' dawn l-aggravji u *tad-diversi* motivazzjonijiet bażi tad-deċiżjoni appellata jidher bl-aktar mod ċar illi l-istess argumenti ġew *ivventilati quddiem l-Ewwel* Onorabbli Qorti mill-intimati appellanti u dawn kollha ġew ikkunsidrati minn dik il-Qorti;

Illi fi kwistjonijiet *bħal dik in eżami ma għandux jintnesa* dak li dejjem ġie deċiż minn din il-Qorti ta' l-Appell u ċjoè illi f'materja ta' produċibbilità, rilevanza u *superfluwità ta' provi*, Qorti ta' l-Appell bħala regola ma tiddisturbax ir-regolament tal-Qorti ta' l-ewwel grad, jekk mhux għal *motivi gravi* (ara Vol. XXVII-I-344; Vol. XXXVIII-I-230 u Scorey *vs* Avellino, deċiża minn din l-istess Qorti fil-5 ta' Mejju, 1975);

Illi *minbarra* l-importanza ta' *din il-massima, imbagħad* din il-Qorti wara li ħasbet fuq l-argumenti li l-Ewwel Qorti svolġiet fid-deċiżjoni tagħha u anzi fuq iċ-ċirkostanzi li wasslu għar-rikors ta' l-appellat li fuqu ddeċidiet dik il-Qorti li tidher li ħadithom sewwa in konsiderazzjoni, waslet għall-konklużjoni li d-deċiżjoni appellata kienet fiċ-ċirkostanzi l-unika waħda li raġonevolment dik il-Qorti setgħet tasal għaliha. Infatti jidher illi dak li kien żamm l-Ewwel Qorti illi mill-ewwel takkorda l-produzzjoni ta' dawn ix-xhieda kienet il-preokkupazzjoni li kellha li ma tħallix jiġu svelati ismijiet ta' nies li l-istess intimati appellanti ma ridux jiżvelaw. Dik il-Qorti però appena informata illi wara kollox l-istess ismijiet ta' persuni li l-appellanti kienu qed jippretendu li għandhom jibqgħu sigrieti kienu ġew mgħoddija lill-Prim Ministru u effettivament kienu

ġew magħmula pubbliċi billi tpoġġew fuq il-mejda tal-Kamra tar-Rappreżentanti ma esitatx iżjed u awtorizzat il-produzzjoni tagħhom. F'dan l-apprezzament din il-Qorti mhux biss ma tara xejn ċensurabbli anzi ssib li hu ineċċepibbli bħal ma hi ineċċepibbli l-konklużjoni ta' l-Ewwel Qorti illi setgħet tammetti dawk il-provi fl-istadju li fih kienet waslet il-kawża;

L-appellanti fir-rikors ta' l-appell tagħhom ibbażaw ħafna fuq il-fehma tagħhom li l-appellat kien jaf jew kien imissu kien jaf bl-ismijiet tal-persuni kkonċernati u jmissu talab il-produzzjoni tagħhom tempestivament;

Illi dan l-argument, apparti li ġie ukoll imressaq lill-Ewwel Qorti, li ma tatux valur, din il-Qorti ma tistax tikkunsidrah favorevolment. Dana għaliex primarjament jidher ċar mill-proċess illi l-appellat ried mill-ewwel jipproduċi dawn ix-xhieda u oltre dan anke bil-mod kif żvolġew iċ-ċirkostanzi tal-każ kemm hu kif ukoll l-istess Qorti kienu taħt l-impressjoni li l-ismijiet relattivi kienu nżammu fis-sigriet. Mhux hekk biss, anzi, l-istess appellanti kienu tul il-kawża ppretendew li l-istess ismijiet ma jiġux żvelati;

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk din il-Qorti hi tal-fehma li l-appell interpost għandu jiġi respint;

Għal dawn il-motivi prevja r-riġett ta' l-eċċezzjoni tan-nullità ta' l-appell issollevata mill-appellat tiċħad l-appell tal-Kummissarju tal-Pulizija u tas-Supretendent Bonello u konsegwentement tikkonferma d-deċiżjoni appellata. L-ispejjeż relattivi għall-eċċezzjoni tan-nullità ta' l-appell ikunu a karigu ta' l-appellat mentri dawk ta' l-appell ikunu a karigu ta' l-appellanti. Fl-aħħarnett, tordna illi l-atti jiġu rrinvijati lill-

Ewwel Onorabbli Qorti għall-kontinwazzjoni skond il-liġi.

---